IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2014
SWD(2014) 227 final

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## Sommarju Eżekuttiv tad-Dokument Analitiku

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill**

**li timplimenta l-Ftehim Ewropew konkluż mill-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU), l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani (ESO) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni**

{COM(2014) 452 final}
{SWD(2014) 226 final}

## WERREJ


1. Kuntest ... 3
2. Definizzjoni tal-problema ... 4
2.1. Karatterizzazzjoni tas-settur ... 4
3. Id-dritt tal-UE li taġixxi u s-sussidjarjetà ... 7
4. Objettivi ... 7
4.1. Objettivi ġenerali ... 7
4.2. Objettivi speċifiċi ... 7
5. Għażliet ta' politika ... 8
6. Analiżi tal-impatt ... 9
6.1. Impatti soċjoekonomiċi tal-ftehim ... 9
6.1.1 Impatti ekonomiċi ... 9
6.1.2 Impatti fuq l-SMEs ... 9
6.1.3 Impatti soċjali ... 10
6.1.4 Implimentazzjoni u spejjeż ... 10
7. Tqabbil tal-għażliet ... 11
8. Monitoraġġ u evalwazzjoni ... 13

# 1. KUNTEST

Skont l-Artikolu 155 tat-TFUE, id-djalogu soċjali fil-livell tal-UE jista' jwassal għal relazzjonijiet kuntrattwali, inklużi ftehimiet. Dawn il-ftehimiet jistgħu jiġu konklużi wara proċess ta' konsultazzjoni mibdi mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 154 tat-TFUE, jew fuq l-inizjattiva proprja tas-sħab soċjali tal-UE skont l-Artikolu 155(1) tat-TFUE.

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol 2003/88/KE[1] (id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol) li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tistabbilixxi standards minimi fl-interess tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fuq żmien qasir jew twil, li japplikaw l-iktar għall-ħaddiema mobbli, kemm il-persunal tan-navigazzjoni u kemm il-persunal abbord, fl-ilmijiet navigabbli interni. Madankollu, xi aspetti ewlenin bħal-limiti numeriċi relatati mas-serħan ta' kuljum, il-pawżi, il-perjodu ta' serħan fil-ġimgħa u t-tul tax-xogħol billejl ma japplikawx għas-settur tal-IWT (l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol)

Fuq inizjattiva tagħhom stess, is-sħab soċjali fil-livell tal-UE dwar it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni nnegozjaw ftehim dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni (IWT) skont l-Artikolu 155(1) tat-TFUE għaliex kienu tal-fehma li d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol 2003/88/KE ma kinitx adattata għall-ħtiġijiet tagħhom (pereżempju l-perjodu ta' referenza u l-organizzazzjoni tax-xogħol), filwaqt li kkunsidraw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol li diġà kienu applikabbli għall-ħaddiema mobbli. Dan il-ftehim ġie konkluż fil-15 ta' Frar 2012. Fil-ftehim innifsu, is-sħab soċjali jitolbu lill-Kummissjoni sabiex timplimenta l-ftehim permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE.

Sabiex il-Kulleġġ ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata dwar il-ftehim, is-servizzi tal-Kummissjoni jridu jivvalutaw dan il-ftehim fir-rigward tar-rappreżentattività u tal-mandat tal-partijiet firmatarji u l-legalità tal-klawżoli tiegħu.

Barra minn hekk, meta jiġi konkluż ftehim fuq inizjattiva tas-sħab soċjali stess, bħalma huwa dan il-każ, is-servizzi tal-Kummissjoni jridu jivvalutaw l-adegwatezza ta' azzjoni tal-UE f'dan il-qasam. F'konformità mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Intelliġenti, din il-valutazzjoni tinvestiga l-impatt soċjoekonomiku tal-implimentazzjon tal-ftehim.

Dan id-dokument analitiku tħejja f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt (inkluża r-referenza tagħhom għall-prinċipji ġenerali u l-istandards minimi eżistenti għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati). L-istruttura tiegħu turi l-karatterisitiċi speċifiċi ta' dokument analitiku ta' dan it-tip. Jipprovdi analiżi proporzjonata bbażata fuq studju estern biex jiġi vvalutat l-impatt soċjoekonomiku li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim.

[1] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9-19

## 2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Oriġinarjament, l-attivitajiet tal-ħaddiema mobbli[2] f'diversi setturi tat-trasport, inkluż dak tal-ilmijiet navigabbli interni, ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol 93/104/KEE[3]. Id-diversi setturi tat-trasport, inkluż dak tal-ilmijiet navigabbli interni, iddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha bid-Direttiva 2003/34/KE[4], b'effett mill-1 ta' Awwissu 2003. Id-Direttiva 2000/34/KE pprovdiet li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li dawn il-ħaddiema jkunu intitolati għal "perjodi adegwat ta' mistrieħ"[5], iżda dan il-prinċipju ma kienx espress f'unitajiet ta' ħin. Id-Direttiva 2003/88/KE kkolsolidat u ħassret id-Direttivi tal-1993 u tal-2000.

Għalhekk, in-nuqqas ta' regoli tal-UE dwar il-limiti numeriċi tal-ħin tax-xogħol kuljum jew fil-ġimgħa u dwar ix-xogħol billejl tal-ħaddiema mobbli tal-IWT witta t-triq għal firxa wiesgħa ta' regoli nazzjonali, li ħolqu diffikultajiet għall-kumpaniji tat-trasport[6] u ma żgurawx protezzjoni biżżejjed għall-ħaddiema f'kull każ[7].

L-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jipprovdi għal strumenti oħra fil-livell tal-UE li jinkludu rekwiżiti aktar speċifiċi dwar il-ħin tax-xogħol għal xi okkupazzjonijiet jew attivitajiet okkupazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti speċifiċi diġà ġew stabbiliti f'Direttivi speċifiċi għall-baħħara u għall-ħaddiema mobbli tat-trasport fl-avjazzjoni ċivili u fis-servizzi ferrovjarji transfruntiera, abbażi ta' ftehimiet Ewropej konklużi mis-sħab soċjali għas-setturi kkonċernati[8].

Bħalissa qed titwettaq valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol; mhux qed jiġi propost li jinbidlu d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ħaddiema mobbli bħala parti minn din ir-reviżjoni[9].

### 2.1. Karatterizzazzjoni tas-settur

In-netwerk tal-ilmijiet navigabbli interni tal-Unjoni Ewropea jikkonsisti f'madwar 37 000 kilometru ta' ilmijiet navigabbli interni; - xmajjar, lagi, u kanali- f'20 Stat Membru[10]. Kull sena, f'dawn il-passaġġi fuq l-ilma jiġu ttrasportati madwar

---

2 L-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2003/88/KE: "ħaddiem mobbli" jfisser kwalunkwe ħaddiem impjegat bħala membru ta' persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir minn impriża li topera servizzi tat-trasport għall-passiġġieri jew il-merkanzija bit-triq, bl-ajru jew b'kanali tal-ilma interni.

3 Id-Direttiva 1993/104/KE dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, ĠU L 307, 13.12.1993.

4 Id-Direttiva 2000/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2000 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol biex jitkoprew is-setturi u attivitajiet esklużi minn dik id-Direttiva.

5 L-Artikolu 2(9) "serħan adekwat" jirrikjedi li "l-ħaddiema jkollhom perjodi regolari ta' serħan, li t-tul tagħhom huwa espress f'unitajiet ta' ħin u li huma suffiċjentement twal u kontinwi li jassiguraw li, bħala riżultat ta' għeja jew tendenzi oħrajn irregolari tax-xogħol, li ma joħolqux xi korriment għalihom, għal ħaddiema sħabhom jew għal oħrajn u li ma jkunux ta' ħsara għal saħħithom, la f'terminu qasir u lanqas f'terminu fit-tul."

6 NEA, 2011: Medium and Long Term Perspectives of IWT in the EU

7 Market Observation No. 12 (2010-II) http://www.ccr-zkr.org/13020800-en.html.

8 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8

9 Pjan Direzzjonali għar-Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

10 L-istudju Ecorys għall-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-ftehim tas-sħab soċjali dwar il-ħin tax-xogħol fis-settur tal-IWT jinkludi d-dejta ta' 19-il Stat Membru tal-IWT. Dan jinkludi l-Istati Membri kollha, għajr CY, DK, EL, IE, LV, MT, u SI. Fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju dwar ir-regolament tal-ħin tax-xogħol fl-IWT mibgħut minn Ecorys fil-kuntest tal-istudju estern, l-awtoritajiet nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi sostnew li jew ma għandhomx settur tal-IWT jew li

500 miljun tunellata ta' merkanzija. Aktar minn 75 % tal-IWT fl-UE huwa trasport transfruntiera.[11] Hemm total ta' 31 000 ħaddiem mobbli li jaħdmu f'dan is-settur.

Il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi huma l-pajjiżi li jiġġeneraw b'mod ewlieni l-valur miżjud u l-impjiegi. L-ewwel ħames pajjiżi bl-ogħla forza tax-xogħol fl-IWT huma l-Pajjiżi l-Baxxi, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Italja[12]. Dawn jirrappreżentaw madwar 68 % tat-total tal-forza tax-xogħol fl-IWT fit-28 Stat Membru. Flimkien mal-Belġju u r-Rumanija, dawn l-Istati Membri jirrappreżentaw madwar 73 % tal-ħaddiema mobbli fl-UE.

*Ftehimiet internazzjonali fis-settur*

Minbarra r-regolamenti tal-UE u r-regolamenti nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol, li huma maħsuba biex iħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, hemm ukoll ftehimiet internazzjonali fir-reġjuni tar-Renu u tad-Danubju. Dawn il-ftehimiet jirregolaw il-ħin tat-tbaħħir tal-bastimenti, il-perjodi minimi tas-serħan u r-rekwiżiti tal-persunal. Il-ħin tax-xogħol ma jkunx dejjem daqs il-ħin tat-tbaħħir tal-bastiment. Pereżempju, jista' jkun li l-ħaddiema abbord vapur jaħdmu anki jekk il-bastiment ma jbaħħarx (eżempju: it-tagħbija u l-ħatt). Ir-relazzjoni bejn dawn il-ftehimiet internazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ħin tax-xogħol hija bbażata fuq ir-regola li tgħid li għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet l-aktar favorevoli għall-ħaddiema.

*Tiżdied il-ħtieġa tal-flessibbiltà tal-ħinijiet tax-xogħol minħabba sitwazzjonijiet speċifiċi*

Il-ħaddiema mobbli fl-IWT għandhom xejriet tax-xogħol speċifiċi u irregolari meta mqabbla mal-ħaddiema fuq l-art. Wara perjodi ta' ammont kbir ta' xogħol jiġu perjodi ta' serħan u perjodi ta' ammont żgħir ta' xogħol. Bħala parti integrali minn xogħolhom, il-ħaddiema mitluba jqattgħu żmien itwal 'il bogħod minn darhom. Huma jaħdmu sigħat twal f'perjodu ta' ħin qasir (eżempju: aktar minn vjaġġ jew staġun wieħed) u ta' spiss jaħdmu u jgħixu fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Ġeneralment jittieħdu perjodi ta' serħan itwal meta jmorru lura d-dar fl-aħħar tax-xogħol/tal-istaġun. Il-medja tal-ħin tax-xogħol fis-settur tat-IWT tinkludi ammont sinifikanti ta' ħin inattiv (pereżempju minħabba ħin ta' stennija mhux ippjanat fix-xtiebi ta' kanal jew matul it-tagħbija u l-ħatt tal-inġenju), li jistgħu jseħħu wkoll billejl. Għalhekk, il-ħin tax-xogħol massimu ta' kuljum u fil-ġimgħa jista' jkun itwal mil-limiti dwar il-ħin tax-xogħol stipulati fid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

Perjodu ta' referenza itwal jippermetti li l-medja ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa tiġi bbilanċjata fuq perjodu ta' ħin itwal. Dan huwa utli b'mod partikolari fis-settur tal-IWT billi l-ħin tax-xogħol ma jitqassamx b'mod uniformi matul is-sena. Madankollu, b'riżultat ta' dawn id-derogi, ir-regoli dwar il-perjodu ta' referenza li huma fis-seħħ ivarjaw ħafna minn Stat Membru għall-ieħor[13].

---

mhux fit-tifsira tal-fehim. Skont it-tweġibiet mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u t-trejdjunjins, it-trasport fl-IWT fi ES u PT huwa negliġibbli.

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn il-kwalità fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni - NAIADES II* COM(2013) 623 final.

12 Il-forza tax-xogħol fl-IWT fl-Italja hija kkonċentrata prinċipalment fis-settur IWT tal-passiġġieri. L-ilmijiet navigabbli interni fl-Italja mhumiex interkonnessi ma' ilmijiet navigabbli interni Ewropej oħra.

13 L-istudju Ecorys

*Ir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol mhumiex adattati għall-ħidma transfruntiera f'dan is-settur*

Aktar minn 75 % tal-IWT fl-UE huwa trasport transfruntiera.[14] Ir-regolamenti dwar il-ħin tax-xogħol ivarjaw bejn dawn l-Istati Membri. Il-kumpaniji u l-ħaddiema jħossu li xi aspetti tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol preżenti u t-traspożizzjoni tagħhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri huma kkumplikati sew u mhumiex adattati għax-xejriet reali tax-xogħol abbord il-bastimenti.[15]

Xi Stati Membri għandhom leġiżlazzjoni dettaljata dwar il-ħin tax-xogħol fl-IWT u perjodu ta' referenza twil biex jikkalkulaw il-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa. Stati Membri oħrajn introduċew rekwiżiti anqas dettaljati u jippreskrivu perjodi ta' referenza iqsar.[16]

*Nuqqas ta' ċarezza dwar l-applikabbiltà tar-regoli dwar il-ħin tax-xogħol fis-settur*

Il-kriterji li qed jintużaw bħalissa biex jiġi ddeterminat jekk ir-regolamenti nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol japplikawx għall-ħaddiema mobbli tal-IWT jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. F'xi Stati Membri, il-membri tal-ekwipaġġ biss huma koperti bir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol fl-ilmijiet navigabbli interni, filwaqt li l-persunal abbord il-bastiment (bħall-persunal tal-lukandi u dawk fis-settur tal-akkomodazzjoni) mhumiex koperti. Din is-sitwazzjoni la tissodisfa lill-impjegaturi u lanqas lill-ħaddiema, billi l-biċċa l-kbira tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni huwa transfruntiera. Mhux dejjem huwa ċar liema regoli nazzjonali japplikaw u jekk dawn japplikawx għall-ħaddiema mobbli kollha abbord il-vapur.

Ma hemm l-ebda standard u regolament komuni u ċar li jiżgura livell partikolari ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sikurezza, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' flessibbiltà għall-intrapriżi f'settur li fil-biċċa l-kbira jopera bejn il-fruntieri. Id-differenza fir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol bejn l-Istati Membri titqies bħala waħda problematika kemm mill-impjegaturi u kemm mill-ħaddiema billi din tippermetti li jkun hemm kompetizzjoni f'termini ta' sigħat tax-xogħol f'dan is-settur li fil-biċċa kbira huwa transfruntiera[17].

*Diffikultà fl-infurzar tar-regoli dwar il-ħin tax-xogħol*

Regoli dwar il-ħin tax-xogħol li ma jkunux adattati għall-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tat-trasport intern inaqqsu l-konformità mar-regoli[18]. Dan huwa rrappurtat mill-Istati Membri kemm fir-reġjun tar-Renu u kemm f'dak tad-Danubju. Parti mir-raġuni għan-nuqqas ta' konformità hija l-kumplessità u n-nuqqas ta' trasparenza tar-regoli attwali. Madankollu, il-kumpaniji li japplikaw ir-regoli jikkunsidraw li dawk li ma japplikawhomx mhumiex kompetituri ġusti[19]. Jiġu nnutati wkoll differenzi fl-

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Lejn il-kwalità fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni - NAIADES II COM(2013) 623 final.

[15] NEA: Rapport Finali għal "Study on Administrative and Regulatory Barriers in the field of Inland Waterway Transport", 2008.

[16] L-istudju Ecorys

[17] Ittra mill-EBU, l-ESO u l-ETF tas-16 ta' Marzu 2012 lill-Kummissjoni.

[18] ECMT 2006: It-tisħiħ tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni: kooperazzjoni pan-Ewropea għall-progress.

[19] Dan ġie rrappurtat fil-kuntest tal-istudju tan-NEA tal-2008, fost l-oħrajn minn BE, DE, NL, AT, iżda huwa maħsub li din il-kwistjoni tikkonċerna aktar Stati Membri tal-UE.

interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli u dan ifisser li jkun aktar diffiċli li tinżamm il-konformità u jitwettqu l-kontrolli.

*Sigħat ta' xogħol u riskju ta'aċċidenti*

Spiss il-ħaddiema mobbli fl-IWT għandhom responsabbiltà kbira - pereżempju għall-immaniġġar sikur tal-merkanzija jew tal-passiġġieri u l-immaniġġar sikur tal-bastiment. Ix-xogħol huwa eżiġenti[20] u jinvolvi riskji tas-sikurezza[21]. Meta jitqabbel l-għadd ta' aċċidenti mal-għadd ta' ħaddiema fis-settur tal-IWT, l-ammont ta' diżgrazzji huwa kbir mhux ħażin fl-IWT. Pereżempju, jekk fuq dik il-bażi, l-IWT jitqabbel mal-industrija tal-kostruzzjoni; l-ammont ta' diżgrazzji rrappurtati huwa 1.65 drabi ogħla fl-IWT[22]. Jista' jkun li l-ksur tar-regoli dwar il-ħinijiet tat-tbaħħir u tas-serħan mhux l-unika kawża ta' dawn il-problemi.

Madankollu, diversi operaturi kkonfermaw li sigħat ta' xogħol twal iżżejjed huma kwistjoni ta' importanza li dejjem qiegħda tiżdied fis-settur[23] u l-kundizzjonijiet tax-xogħol marru għall-agħar minħabba s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli[24]. L-għeja hija identifikata bħala wieħed mill-fatturi ta' riskju fis-settur[25].

## 3. ID-DRITT TAL-UE LI TAĠIXXI U S-SUSSIDJARJETÀ

L-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jippermetti rekwiżiti aktar speċifiċi dwar il-ħin tax-xogħol fil-livell tal-UE għal okkupazzjonijiet jew attivitajiet partikolari. Dawn ir-rekwiżiti speċifiċi fil-livell tal-UE diġà ġew stabbiliti f'diversi Direttivi tal-UE għall-baħħara u għall-ħaddiema mobbli tat-trasport fl-avjazzjoni ċivili u fis-servizzi ferrovjarji transfruntiera, abbażi ta' ftehimiet Ewropej konklużi mis-sħab soċjali għas-setturi kkonċernati[26].

L-aħħar ftehim jipprovdi "dispożizzjonijiet aktar speċifiċi" fit-tifsira tal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol. L-Artikolu 14 jirreferi għal "strumenti oħrajn tal-Komunità" bħala ħtiġijiet sabiex jiġu stabbiliti dawn id-dispożizzjonijiet. Għaldaqstant, l-objettiv tal-ftehim jista' jintlaħaq biss fil-livell tal-UE.

---

20 Dipl.-Psychologe Dr. Stefan Poppelreuter: *Psychische Belastungen am Arbeitsplatz – auch für die Binnenschifffahrt ein Thema*, Novembru 2012.

21 Minkejja li l-IWT huwa magħruf bħala mod ta' trasport sikur, ir-riskju tas-sikurezza għall-persunal li jaħdem fl-industrija huwa sinifikanti (ara wkoll ir-rapport: *Visietraject Veiligheid Binnenvaart, NEA Netherlands*, 2011).

22 RIVM, rapport *Bouwnijverheid*

23 L-istudju Ecorys

24 Spezzjoni tal-Ambjent tal-Bniedem u t-Trasport, il-pajjiżi l-Baxxi, *Toezichtsplan over water* (Pjan ta' Superviżjoni tal-Passaġġi tal-Ilma 2013)

25 L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2011. *OSH in figures: Occupational safety and health in the transport sector — An overview*

26 Id-Direttiva 1999/63/KE ĠU L 167, tat-2 ta' Lulju 1999 dwar il-ħin tax-xogħol tal-baħħara, id-Direttiva 2000/79 dwar il-ħinijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli fl-avjazzjoni ċivili, ĠU L 302 tal-1.12.2000, id-Direttiva 2005/47/KE dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transfruntiera fis-settur tal-ferroviji ĠU L 195 tas-27.7.2005.

## 4. OBJETTIVI

### 4.1. Objettivi ġenerali

It-titjib tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-settur IWT. Dan l-objettiv ġenerali jinkludi l-intenzjoni li jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli, kif minqux fl-Artikolu 153 tat-TFUE, flimkien ma' ċaqliq lejn kundizzjonijiet aktar ugwali u favorevoli għall-operaturi.

### 4.2. Objettivi speċifiċi

Sabiex jintlaħaq l-objettiv ġenerali stabbilit hawn fuq, dan il-ftehim għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

- li jippermetti aktar flessibbiltà lill-operaturi fl-IWT biex jibbilanċjaw il-perjodi ta' ammont kbir ta' xogħol ma' perjodi ta' ammont żgħir ta' xogħol;
- li jiżgura protezzjoni minima tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema mobbli kollha fis-settur;
- li jiffaċilita l-infurzar tar-regoli dwar il-ħin tax-xogħol, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

## 5. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Billi skont l-Artikolu 155 tat-TFUE l-Kummissjoni tista' taċċetta jew tiċħad talba għall-implimentazzjoni leġiżlattiva tal-ftehim, iżda ma tistax temenda t-test tal-ftehim, id-dokument analitiku se janalizza approċċ tal-politika wieħed biss, jiġifieri il-miżuri ddefiniti fil-ftehim, u jqabblu max-xenarju bażiku tiegħu.

- **Ma ssirx proposta għall-implimentazzjoni tal-ftehim permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 155 tat-TFUE (ix-xenarju bażiku)**: il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE, id-Direttiva 2003/88/EC dwar il-ħin tax-xogħol u d-Direttiva 94/33/EC dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol se tibqa' fis-seħħ għall-ħaddiema mobbli fl-IWT, iżda fil-livell Ewropew mhux se jkun hemm leġiżlazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol speċifiku għas-settur.

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol 2003/88/KE tinkludi limitu fuq il-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa, dritt għal-liv annwali mħallas u dritt għal eżami tas-saħħa għall-ħaddiema ta' billejl. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-ħaddiema mobbli fl-ilmijiet navigabbli interni.

Madankollu, skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar il-ħin tax-Xogħol, dispożizzjonijiet kruċjali bħal dawk relatati mas-serħan ta' kuljum, il-pawżi, il-perjodi ta' serħan fil-ġimgħa u t-tul tax-xogħol billejl ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni materjali fis-settur tal-IWT.

Billi d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol wasslu għal traspożizzjoni diverġenti ħafna fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-sitwazzjoni attwali (minn issa 'l quddiem: ix-xenarju bażiku) hija kkaratterizzata sew mil-leġiżlazzjoni

nazzjonali u mir-regolamenti dwar is-sikurezza stabbiliti skont il-ftehimiet internazzjonali bħas-CCNR u l-bqija[27].

- **Issir proposta għall-implimentazzjoni tal-ftehim permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 155 tat-TFUE:** Id-Direttiva 2003/88/KE u d-Direttiva 94/33/KE (iż-żgħażagħ fuq ix-xogħol) jiġu kkomplimentati minn Direttiva li tipprovdi dispożizzjonijiet aktar speċifiċi fil-livell tal-UE dwar definizzjonijiet vinkolanti u komuni li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fl-IWT.

Il-ftehim ikopri l-oqsma li ġejjin: il-limitu fuq il-ħin tax-xogħol ta' kuljum u l-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa, il-perjodu ta' referenza, il-liv annwali, id-definizzjoni ta' jiem ta' xogħol u jiem ta' serħan, id-dispożizzjonijet speċjali dwar xogħol staġunali fuq bastimenti tal-passiġġieri, il-perjodi ta' serħan minimi ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi, il-ħin tax-xogħol massimu billejl, id-dispożizzjonijiet speċjali dwar il-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li għandhom inqas minn 18-il sena, il-verifiki, is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, il-valutazzjoni tas-saħħa u d-dritt għal trasferiment għall-ħaddiema ta' billejl, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u t-tendenzi tax-xogħol.

Fid-dispożizzjonijiet tiegħu, il-ftehim jipprovdi definizzjonijiet vinkolanti u komuni f'unitajiet ta' ħin tal-perjodi minimi ta' serħan kull jum u fil-ġimgħa u s-sigħat massimi ta' xogħol fil-ġimgħa u billejl.

Il-ftehim jinkludi dispożizzjoni li tagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li japplikaw jew jibqgħu japplikaw dispożizzjonijiet aktar favorevoli.

## 6. ANALIŻI TAL-IMPATT

### 6.1. Impatti soċjoekonomiċi tal-ftehim

Filwaqt li l-istudju Ecorys inbeda bl-intenzjoni li jiżviluppa analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tal-ftehim il-ġdid, fil-fażi tal-approfondiment deher biċ-ċar li l-kumplessità tal-*istatus quo* , li jikkonsisti f'leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika għas-settur u leġiżlazzjoni nazzjonali ġenerika li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ħin tax-xogħol u l-ftehimiet internazzjonali dwar il-ħinijiet tat-tbaħħir flimkien mas-sottilezza tal-bidliet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, ma jippermettux li dan l-istrument jintuża b'mod serju. Għaldaqstant, ġiet ipprovduta analiżi kwalitattiva tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi soċjoekonomiċi.

#### *6.1.1. Impatti ekonomiċi*

Dan il-ftehim se jillimita l-kompetizzjoni inġusta fir-rigward tal-ħin tax-xogħol, billi jistabbilixxi definizzjonijiet komuni u limiti numeriċi għall-bastimenti li joperaw fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE. L-Istati Membri li għandhom dispożizzjonijiet

[27] Ftehimiet internazzjonali fis-settur: F'ħames Stati Membri (il-Belġju. Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi) il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) tipprovdi standards minimi vinkolanti dwar is-serħan għall-membri tal-ekwipaġġ tan-navigazzjoni fuq ir-Renu. Għall-pajjiżi li huma magħquda permezz tad-Danubju, il-Kummissjoni tad-Danubju tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-perjodi ta' serħan għall-persunal tan-navigazzjoni abbażi tar-Riżoluzzjoni 61 tal-UNECE dwar ir-rekwiżiti tekniċi fl-Ewropa kollha għall-bastimenti li jbaħħru fl-ilmijiet navigabbli interni. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tad-Danubju huma identiċi għal dawk tar-Regolament tas-CCNR.

inqas favorevoli minn dawk tal-ftehim se jkollhom jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom skont il-ftehim. Dan il-ftehim jistabbilixxi wkoll metodi komuni li bihom jiġi reġistrat u verifikat il-ħin tax-xogħol fil-livell tal-UE. Din ir-reġistrazzjoni għandha tkun approvata b'mod konġunt mill-impjegaturi u mill-ħaddiema. Dan jippermetti verifiki effiċjenti tal-ħin tax-xogħol mill-awtoritajiet tal-infurzar, li fl-istess ħin ma jimponix piż amministrattiv fuq l-operaturi[28]. Dan jista' jtejjeb il-kompetittività billi l-ħin tax-xogħol jista' jiġi infurzat b'mod aktar effiċjenti. L-analiżi tagħti l-ħjiel li d-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol fil-ftehim mhux se jikkumplikaw l-*acquis* eżistenti u li l-ftehim bl-ebda mod ma jiddiskrimina kontra l-intrapriżi li għadhom kemm daħlu fis-suq. Għall-kuntrarju ta' dan, standards minimi ċari għal żmien fit-tul jistgħu jżidu t-trasparenza tar-regoli u b'hekk jiffaċilitaw ukoll id-dħul fis-suq.

### 6.1.2. *Impatti fuq l-SMEs*

Il-biċċa l-kbira tal-intrapriżi fis-settur huma SMEs jew mikrointrapriżi u l-maġġoranza tal-ħaddiema mobbli huma impjegati f'intrapriżi ta' dan it-tip, speċjalment fir-reġjun tar-Renu fejn il-proporzjoni tal-intrapriżi żgħar huwa ħafna ogħla minn dak fir-reġjun tad-Danubju. L-SMEs huma rrappreżentati sew mill-ESO fid-djalogu soċjali settorjali u r-rappreżentanti tagħhom kienu fost dawk li appoġġaw b'saħħa l-ftehim, billi huma jikkunsidrawh opportunità biex tinkiseb armonizzazzjoni ma' regoli potenzjalment aktar sempliċi dwar il-ħin tax-xogħol fis-settur.

Il-biċċa l-kbira tal-intrapriżi żgħar u l-mikrointrapriżi se jintlaqtu inqas mid-dispożizzjonijiet il-ġodda għaliex huma s-sidien tal-vapuri li jbaħħru fir-Renu u d-Danubju skont l-iskemi A1 u A2[29] f'konformità mar-regolamenti tas-CCNR u l-bqija, li lkoll jirrikjedu ċerti perjodi ta' serħan. Għal dawn il-vapuri x-xogħol billejl eċċessiv huwa inqas probabbli minn dak fi skema ta' sfruttar ta' 24 siegħa.

### 6.1.3. *Impatti soċjali*

Fis-sitwazzjoni preżenti d-differenzi fir-regolamenti tal-Istati Membri u n-nuqqas ta' flessibbiltà tar-regoli jwasslu għal differenza fl-implimentazzjoni tar-regoli u tal-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli. Jekk ikun hemm regoli iktar konsistenti f'konformità mal-iskedi tal-ħin fis-settur, l-implimentazzjoni u l-infurnzar tar-regoli jitħaffu. Il-ftehim għandu jwassal ukoll għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli f'dawk l-Istati Membri[30] li għandhom dispożizzjonijiet inqas favorevoli dwar il-ħin tax-xogħol minn dawk tal-ftehim jew li ma għandhom l-ebda dispożizzjoni dwar dan.

L-inklużjoni fil-ftehim tal-ħaddiema mobbli kollha, jiġifieri il-persunal tal-ekwipaġġ u l-persunal abbord, se twassal għal limiti ndaqs dwar il-ħin tax-xogħol għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema mobbli. Billi l-maġġoranza tal-Istati Membri[31] diġà japplikaw dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol kemm għall-persunal tal-ekwipaġġ u kemm għall-persunal abbord, mhux mistenni impatt kbir. Billi xi rapporti jindikaw sigħat ta' xogħol eċċessivi għall-persunal abbord fuq bastimenti tal-passiġġieri, il-

[28] Ittra mibgħuta mill-EBU u l-ETF lill-Kummissjoni dwar il-ftehim fis-16 ta' Marzu 2012.

[29] Skont ir-Regolamenti tar-Renu u l-bqija, bastiment li jopera skont skeda A1 ifisser li l-bastiment huwa operat għal massimu ta' 14-il siegħa kontinwa fil-ġurnata; Skont l-iskema A2 il-bastiment huwa operat għal massimu ta' 18-il siegħa kontinwa fil-ġurnata.

[30] Il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Pajjiżi l-Baxxi, u r-Rumanija.

[31] Bl-eċċezzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, u l-Kroazja, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom hija bbażata fuq ir-regolament tar-Renu u l-bqija.

ftehim se jkollu xi impatti pożittivi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal abbord.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħin massimu tax-xogħol u l-ħin minimu ta' serħan se jkollhom xi impatti pożittivi fl-Istati Membri li ma għandhomx dawn il-limiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Billi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà għandhom regolamenti li huma ugwali jew aktar protettivi mil-limiti ta' dan il-ftehim, mhu mistenni l-ebda titjib sostanzjali. Fl-Istati Membri li japplikaw ir-regolament CCNR (jew regolamenti simili), u għalhekk għandhom xi limiti dwar il-ħin ta' serħan, jista' jkun mistenni xi titjib fil-limiti dwar il-ħin tax-xogħol. Madankollu, skont l-operaturi li ġew intervistati, fil-prattika l-iskedi tax-xogħol huma diġà f'konformità mal-limiti stabbiliti fil-ftehim.

*6.1.4. Implimentazzjoni u spejjeż*

Bħala parti mill-istudju Ecorys, ir-rappreżentanti tal-korpi tal-infurzar u r-rappreżentanti tas-sħab soċjali fl-Istati Membri tal-UE ġew mistoqsija jekk fl-opinjoni tagħhom, l-ammont ta' żmien li l-uffiċjali tal-infurzar jqattgħu fuq il-verifiki tas-sigħat ta' xogħol u ta' serħan tal-ħaddiema mobbli hux se jinbidel minħabba d-dispożizzjonijiet tal-ftehim.

Il-maġġoranza kienu tal-fehma li dan iż-żmien li jqattgħu l-uffiċjali tal-infurzar mhux se jinbidel. Xi wħud qali li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim se jwasslu għal emenda fir-regolamenti kurrenti li jistgħu jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol (ir-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka) Fil-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja u l-Ungerija r-rispondenti qalu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali attwali dwar il-ħin tax-xogħol hija simili għad-dispożizzjonijiet tal-ftehim. Billi l-arranġament legali tal-ħin tax-xogħol ma jinbidilx fil-qofol tiegħu, lanqas l-impatt fuq il-ħin imqatta' għall-verifika tal-konformità ma għandu ibiddel ħafna.

Ir-rispondenti mill-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja qablu li livell komuni ta' protezzjoni fl-ilmijiet navigabbli Ewropej kollha jista' jwassal għal aktar effiċjenza fl-infurzar. Ir-rispondenti tal-Lussemburgu u tar-Rumanija kienu ta' din il-fhema wkoll.

## 7. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

| Objettiv speċifiku | Xenarju bażiku | Ftehim | Valutazzjoni tal-bidla mix-xenarju bażiku għall-ftehim |
|---|---|---|---|
| **Il-flessibilità biex jiġu bbilanċjati ammonti kbar ma' ammonti żgħar ta' xogħol** | Il-perjodu ta' referenza li fuqu tiġi kkalkulata l-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa, kif traspost fir-regoli nazzjonali, f'ħafna każijiet huwa relattivament qasir, u jwassal għal flessibbiltà limitata. | Is-settur jikseb flessibbiltà kbira billi tiġi ffaċilitata l-estensjoni tal-perjodu ta' referenza li fuqu tiġi kkalkulata l-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa (sa 12-il xahar). Din il-flessibbiltà tiġi kkonsolidata b'numru massimu ta' sigħat ta' xogħol għoli għal perjodi iqsar (sa 14-il siegħa | Pożittiva ħafna |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | kuljum, 84 siegħa fil-ġimgħa fi kwalunkwe ġimgħa u 72 siegħa fil-ġimgħa fuq perjodi itwal). | |
| **Il-protezzjoni minima tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema mobbli kollha fis-settur** | Il-membri tal-ekwipaġġ fil-biċċa l-kbira tal-ilmijiet navigabbli interni huma protetti permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika dwar il-ħin tax-xogħol, dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-operat u/jew ftehimiet bejn is-sħab soċjali.<br><br>Madankollu, f'għadd ta' każijiet mhux ċar liema regoli għandhom jiġu applikati. Sussegwentement il-protezzjoni mhix ċara u jista' jkollha nuqqasijiet speċjalment għall-persunal abbord. | Dan il-ftehim ikopri l-ħaddiema mobbli kollha u ma jippermettix li ssir distinzjoni bejn il-persunal tan-navigazzjoni u l-persunal abbord.<br><br>Il-ħaddiema mobbli kollha għandhom dritt għal eżami tas-saħħa regolari u bla ħlas. Dan jista' jinvolvi spejjeż immedjati iżda azzjoni ta' prevenzjoni tista' twassal għal inqas assenteiżmu u assigurazzjoni kontra l-mard.<br><br>Bil-limitu massimu tal-medja tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa, minkejja li dan jiġi kkalkulat fuq perjodu ta' sena sħiħa, il-protezzjoni tal-ħaddiema mobbli fl-IWT hija konformi mal-protezzjoni pprovduta mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ġenerali.<br><br>Il-possibbiltà ta' ħidma għal perjodi kemxejn twal għal medja ta' 72 siegħa fil-ġimgħa fuq perjodu ta' 4 xhur tippermetti l-ħidma ta' sigħat kemxejn eċċessivi fuq perjodu qasir. Madankollu, is-sħab soċjali jaqblu fil-kunsiderazzjoni li dan jixraq b'mod speċifiku għal xi tendenzi ta' xogħol staġunali. Madankollu, dawn il-ħaddiema xorta huma koperti bil-limitu globali, għalhekk huma se jkunu intitolati li jaħdmu sigħat iqsar b'mod korrispondenti, sakemm il-medja tagħhom (ikkalkulata fuq 12-il xahar) tinżel lura għal massimu ta' 48 siegħa. Dan jipprovdi protezzjoni lill- | Pożittiva |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | ħaddiema kontra sitwazzjonijiet eċċessivi. | |
| **Jitħaffef l-infurzar tar-regoli dwar il-ħin tax-xogħol, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet transfruntiera. .** | Minħabba l-lapazzar ta' regoli kultant kuntradittorji (pereżempju:definizzjonijiet differenti tal-ħin billejl, il-fokus fuq is-serħan kontra l-fokus fuq il-ħin tax-xogħol, kriterji differenti għall-identifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli) huwa diffiċli, b'mod partikolari għall-operaturi ż-żgħar li jkunu jafu ma' liema regoli jridu jkunu konformi f'kull mument.<br><br>Sussegwentement l-infuzar ukoll huwa diffiċli għall-korpi tal-infurzar. | Id-definizzjoni armonizzata tal-ħin billejl, il-perjodu ta' referenza u l-obbligi standard għar-rappurtar tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-regoli.<br><br>Id-definizzjoni ċara ta' liema regoli japplikaw (skont il-pożizzjoni ġeografika tal-vapur) se tiffaċilita l-konformità u l-infurzar. | Pożittiva ħafna |
| **L-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-Ftehim** | Ħafna regoli mhumiex infurzati b'mod sistematiku. B'hekk l-ispejjeż tal-implimentazzjoni jinżammu f'livell minimu. Dan jikkorrispondi mal-perċezzjoni li l-konformità ma titqiesx li hija importanti. | L-operaturi ma jistennewx żieda sinifikanti fl-ispejjeż bl-implimentazzjoni tal-Ftehim.<br><br>Madankollu, wieħed jista' jistenna li se jkun hemm xi spejjeż:<br><br>Kontinwi:<br><br>a) Ir-reġistrazzjoni b'mod aktar sistematiku tal-ħin tax-xogħol f'xi każijiet<br><br>Ta' darba:<br><br>b) L-introduzzjoni ta' bidliet fis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol<br><br>c) Il-familjarizzazzjoni mar-regoli l-ġodda u kif għandhom jinftiehmu. | Jiżdiedu iżda tista' tiżdied ukoll ir-rieda li jintefqu flus f'hekk |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | d) L-adattament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mar-rekwiżiti ta' dan il-ftehim.<br><br>Jiġifieri jidher li l-ispejjeż permanenti huma limitati u f'relazzjoni diretta mal-intenzjonijiet tal-inizjattiva. L-ispejjeż ta' darba jistgħu jitqiesu li mhumiex għoljin wisq billi dan is-settur huwa motivat li jaċċetta l-leġiżlazzjoni l-ġdida, u dan għandu wkoll jiffaċilita l-implimentazzjoni għall-Istati Membri, b'tali mod li t-tibdil legali jista' eventwalment jintradd lura b'konformità aħjar. | |

Fil-qosor mit-tabella wieħed jikkonkludi li l-ftehim jimxi pass 'il quddiem lejn il-kisba tal-objettivi stabbiliti bi spejjeż li meta jiġi kkunsidrati b'mod globali, huma raġonevoli. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra l-ftehim bħala l-pass xieraq li għandu jittieħed.

## 8. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar is-segwitu u r-reviżjoni mill-firmatarji, il-Kummissjoni Ewropea għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Se tiġi eżaminata d-dejta li ġejja:

1. Ir-rata ta' konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol fil-ftehim;

Hekk kif tiġi adottata d-Direttiva li timplimenta l-ftehim fil-liġi tal-UE, l-Istati Membri huma obbligati li jittrasponu d-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar se jkunu responsabbli għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Abbażi tad-dejta pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar fir-rapporti annwali[32], il-Kummissjoni Ewropea tista' timmonitorja jekk ikunx hemm konformità aħjar mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol fil-livell nazzjonali. Din se tagħti indikazzjoni li d-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol jipprovdu flessibbiltà għall-operaturi biex jibbilanċjaw ammonti kbar ma' ammonti żgħar ta' xogħol.

2. L-identifikazzjoni tax-xejriet, b'mod partikolari:

a) it-tnaqqis tal-aċċidenti fis-settur. ;

[32] L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar iħejju rapporti annwali b'mod volontarju skont il-prattika nazzjonali tagħhom.

b) it-tnaqqis fil-problemi tas-saħħa u s-sodisfazzjon akbar tal-ħaddiema b'xogħolhom, filwaqt li jitqiesu aspetti oħra bħalma huma ż-żieda fil-medja tat-tixjiħ tas-settur;

Dawn l-aspetti jistgħu jiġu mmonitorjati b'mod kwalitattiv matul diskussjoni kontinwa mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali Ewropej. Id-dejta se tkun disponibbli abbażi tal-informazzjoni dwar il-partijiet ikkonċernati differenti, bħall-awtoritajiet nazzjonali, u b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-infurzar u s-sħab soċjali. Barra minn hekk, il-firmatarji tal-ftehim għandhom jimmonitorjaw u jirrevedu l-ftehim fil-kuntest tal-kumitat tad-djalogu soċjali settorjali dwar it-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni.

Il-ftehim se jiġi evalwat mis-servizzi tal-Kummissjoni ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. L-evalwazzjoni se tkun ibbażata fuq dejta miġbura mill-eżerċizzju ta' monitoraġġ, flimkien mar-riżultati tal-monitoraġġ u tar-reviżjoni tal-firmatarji tal-ftehim, kif ukoll l-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri u minn partijiet ikkonċernati oħra.

Sabiex jiġu evlawati r-riżultati u l-impatt tal-ftehim, għandhom jiġu indirizzati xi mistoqsijiet ta' evalwazzjoni:

1. X'kienu l-impatti fuq il-partijiet ikkonċernati ewlenin f'dan is-settur? B'mod partikolari, għandhom jiġu analizzati l-apsetti li ġejjin:

a. il-kontroll tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol sar aktar effiċjenti, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet transfruntiera, f'termini ta' żmien meħtieġ għall-kontroll;

b. ir-rata ta' konformità fis-settur f'termini tal-għadd ta' vapuri li ma jkunux konformi, ir-reġistrazzjoni korretta tal-ħin tax-xogħol abbord il-bastimenti;

c. l-għadd ta' aċċidenti fis-settur;

d. kemm il-ħaddiema mobbli huma sodisfatti bil-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur;

2. Hemm xi kwistjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema mobbli fl-ilmijiet navigabbli interni li għad iridu jiġu indirizzati